# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 16**

**Rikors Numru : 101/2010 JPG**

**Paul Camenzuli 236860(M)**

**VS**

**Duncan u Linzie**
**konjugi Delia u Charles Delia**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Paul Camenzuli tal-5 ta' Frar 2010 li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponent jezercita l-kummerc ta' car dealer permezz tal-isem "USA1 Import" li jinstab Racecourse Street, Marsa;*

2. *Illi l-konvenuti huma debituri tal-esponent fis-somma ta' tmienja u sebghin elf u erbgha u tletin Ewro (€78,034) ekwivalenti ghal Lm33,500) rapprezentanti l-prezz ta' vettura tat-tip "Ford Mustang Shelby', sena ta' manifattura 2005, li ggib numru ta' registrazzjoni "FGT500", ta' kulur griz skur, mibjugha lill-konvenuti u kkonsenjata mill-esponent lill-konvenuti nhar il-Hamis 14 ta' Jannar 2010, oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez legali u dawk gudizzjarji gja maghmula inter alia tal-Protest Gudizzjarju Numru 28/2010 u l-Mandat ta' Qbid*

*kawtelatorju numru 77/2010 kif ukoll il-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 75/2010;*

3. *Illi dan il-bejgh sar lill-konvenuti Charles u ibnu Duncan Delia personalment;*

4. *Illi l-konvenuti baqghu qatt ma hallsu xejn mill-ammont dovut lill-esponent ghalkemm weghdu li jhallsu s-somma ta' sitta u erbghin elf hames mija u sebgha u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€46,587.46 ekwivalenti ghal Lm20,000) dak inhar tal-kunsinna stess ossija fl-14 ta' Jannar 2010;*

5. *Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenuti sabiex isir il-hlas a saldu, l-konvenuti baqghu inadempjenti mnghajr ebda raguni valida fil-ligi;*

6. *Illi din l-inadempjenza kienet dovuta ghal fatt illi l-konvenut Duncan Delia kien responsabbli ghal kollizjoni li sehhet bl-istess vettura dak inhar tal-kunsinna stess, li ikkagunat hsarat estensivi lill-istess vettura;*

7. *Illi l-bejgh tal-vettura imsemmija lill-konvenuti kien perfett u gja' konkluz skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1346 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

8. *Illi l-ammont dovut mill-konvenuti lill-esponent hu dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-esponent, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra 1-pagament tad-dejn imsemmi;*

9. *Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikoli 167 et seq sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kawza tigi deciza bid-dispenza tas-smiegh;*

10. *Illi ghalhekk kellha issir din l-kawza;*

11. *Illi l-fatti hawn iddikjarati jafhom l-esponent personalment;*

***Ghaldaqstant** l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispenza tas-smiegh a tenur tal-Artikoli 167 et seq sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u taht dawk il-provvedimenti li jidrilha xieraq:*

*(i) Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-esponent fis-somma ta' tmienja u sebghin elf u erbgha u tletin Ewro (€78,034) dovuta kif fuq inghad, bl-interessi relattivi mid-data tal-kunsinna sad-data tal-pagament effettiv;*

*(ii) Tikkundanna lill-intimati jhallsu dan id-debitu, bl-ispejjez tal-prezenti inkluz dawk tal-Protest Gudizzjarju Numru 28/2010 u l-Mandat ta' Qbid Kawtelatroju numru 77/2010 u Sekwestru 75/2010.*

*Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma ingunti."*

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tas-16 ta' Frar 2010 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-Tlieta 2 ta' Marzu 2010 fid-9.30am;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-2 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu akkordat lill-konvenuti ghoxrin gurnata ghar-risposta (a fol. 11);

Rat ir-risposta tal-intimati Duncan Delia u martu Linzie Delia tat-8 ta' Marzu 2010 (a fol. 20 et seq.) li taqra hekk:

1. *"Illi qabel xejn ir-rikorrent qatt ma messu ipproceda bil-procedura specjali a tenur tal-Art. 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi r-rikorrenti kien jaf ben tajjeb li l-intimati ghandhom difizi x'jaghtu ghall-kawza li kienet se titressaq minnu u ghalhekk certament li fl-ewwel lok l-ammont mitlub minnu f'din il-kawza m'hux wiehed certu, likwidu u dovut;*

2. *Illi, preliminarjament, qabel xejn il-lista ta' xhieda hekk kif maghmula mir-rikorrent ma tissodisfax il-vot tal-ligi u dana billi m'hemmx indikat l-iskop li ghalihom ix-xhieda gew indikati halli jixhdu dwaru. Ghalhekk din il-Qorti ghandha tiskarta dan l-elenku tax-xhieda u tqishom li tali xhieda lanqas gew indikati mir-rikorrent;*

3. *Illi, fil-mertu, il-pretensjoni tar-rikorrent hi wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u dana billi l-bejgh tal-imsemmija vettura qatt ma sar lill-intimati Duncan Delia u martu tant illi hekk kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u hekk kif lesti illi jipprovaw b'mod car l-intimati, l-istess Duncan Delia kien talab lir-rikorrent illi johrog qabel xejn jipprova l-imsemmija vettura fil-presenza tar-rikorrenti stess liema talba giet accettata mill-istess rikorrent u kien f'dan il-mument li sehh l-incident stradali. Ghalhekk ir-rikorrent qatt ma seta' jressaq kawza skont il-ligi kontra l-intimati halli jitlob il-prezz tal-imsemmija vettura u dana billi l-bejgh ma kienx komplut bejniethom ai fini u effetti kollha tal-ligi;*

4. *Illi, fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-intimati ma jahtux ghall-incident stradali li sehh bl-imsemmija vettura;*

5. *Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif premess mill-ligi."*

Rat ir-risposta tad-9 ta' Marzu 2010 (a fol. 22), tal-intimat Charles Delia li taqra hekk:

1. *Illi it-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu huma diretti kontra l-esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante illi ma hux minnu illi l- esponenti, b'xi mod, xtara u akkwista il-vettura in kwistjoni, skond kif premess fl-att promotur. Illi l-artiklu citat mir-rikorrenti u cioe 1346 tal-Kodici Civili jippresupponi li tkun konkjuza il-kontrattazzjoni ta' offerta u accettazzjoni tal-oggett (f'dan il-kaz il-vettura) kif ukoll li jkun konkjuz il-prezz bejn il-partijiet interessati biex jista' jinghad li hemm bejgh. F'dan il-kaz ma gara xejn minn dan kollu - tant hu hekk li il-vettura, mertu ta' dawn il-proceduri, kienet qed tigi pruvata meta grat habta. Kienet qed tigi pruvata esattament sabiex Duncan Delia (u mhux l-esponenti) jiddeciedi jekk hija kienetx tghodd ghalih jew le. Fil-fatt l-esponenti ma kien qatt involut fix-xira tal-istess vettura, billi din kellu f rasu li jixtriha ibnu Duncan u mhux hu. Hu kien biss spettattur u presenti sabiex jghin lil ibnu jittutela drittijietu fil-kontrattazzjoni mar-rikorrenti.*

2. *Salvi kontestazzjoni ulterjuri."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-26 t'Ottubru 2010 fejn innominat lil Dr. Nicholas Valenzia (a fol. 36);

Rat ir-risposta ulterjuri u mahlufa ta' Charles Delia tal-15 ta' Gunju 2011 (a fol. 59 et seq.) li taqra hekk:

1. *"Illi l-azzjoni hekk kif promossa mir-Rikorrent Paul Camenzuli hija guridikament improponibbli u dan billi, kif qed jirrizulta waqt il-gbir tal-provi, hu m'hux wahdu il-proprjetarju tal-vettura li qed jitlob il-prezz taghha fil-kawza odjerna;*

2. *Illi, minghajr ebda pregudizzju ghal dak gia eccepiet, anke jekk ghall-grazzia tal-argument ir-rikorrent kellu jirnexxi fl-azzjoni tieghu isegwi illi hu ghandu jedd biss ghall-nofs il-prezz mitlub minnu;*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi."*

Rat ir-risposta ulterjuri u mahlufa tal-intimati Duncan u Linzie konjugi Delia tal-15 ta' Gunju 2011 (a fol. 61 et seq.) li taqra hekk:

1. *"Illi l-azzjoni hekk kif promossa mir-Rikorrent Paul Camenzuli hija guridikament improponibbli u dan billi, hu m'huwix wahdu il-proprjetarju tal-vettura li taghha qed jitlob il-prezz taghha fil-kawza odjerna u dana hekk kif jirrizulta mill-provi mressqa waqt din il-kawza;*

2. *Illi, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghall-grazzja tal-argument ir-rikorrent jirnexxi fl-azzjoni tieghu, hu ghandu jedd biss ghall-nofs il-prezz mitlub minnu;*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi."*

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrent tat-12 ta' Frar 2013 (a fol. 96 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Charles Delia tat-12 ta' Marzu 2013 (a fol. 111 et seq.);

Rat in-nota ta' twegiba u sottomissjonijiet ta' l-gheluq ta' Duncan Delia u martu Linzie Delia tad-29 t'April 2013(a fol. 115 et seq.);

Rat in –nota tal-osservazzjonijiet addizzjonali tar-rikorrenti tat-8 ta'Novembru 2013 (a fol.127 et seq);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Nicholas Valenzia prezentat fit-13 ta' Marzu 2014 u mahluf fit-28 ta' Mejju 2014 (a fol. 137 et seq.);

Rat in-nota ta' Duncan Delia tat-3 ta' Settembru 2014 li permezz taghha pprezenta d-domandi ghall-Perit Legali Nicholas Valenzia (a fol. 178 et seq.);

Rat in-nota ta' Dr. Nicholas Valenzia tat-2 ta' Frar 2015 li permezz taghha ipprezenta ir-risposti tieghu bil-miktub ghall-mistoqsijiet maghmulin in eskussjoni minn Duncan Delia (a fol. 206 et seq.);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenuti Duncan Delia u Linzie Delia tas-17 t'April 2015 (a fol. 218 et seq.);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-1 ta' Gunju 2015 fejn l-Avukati difensuri tal-partijiet strahu fuq in-noti rispettivi taghhom, u awtorizzaw lil Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta illi huwa *car dealer* specializzat f'karozzi klassici u sportivi Amerikani, u intavola din il-kawza fejn talab il-hlas tas-somma ta' tmienja u sebghin elf u erbgha u tletin Euro (€78,034), bl-interessi u spejjez relattivi, rapprezentanti l-prezz ta' vettura tat-tip "Ford Mustang Shelby", sena ta' manifattura 2005 li ggib numru ta' registrazzioni FGT-500.

Illi primarjament kien l-incident awtomobistiku li sehh waqt li Duncan Delia kien qieghed isuq din l-istess karozza, li wassal sabiex jinbdew dawn il-proceduri odjerni.

Fir-rikors promotorju l-attur sostna illi l-konvenuti kienu debituri tieghu ghall-ammont ta' tmienja u sebghin elf u erbgha u tletin Euro (€78,034) li jirrapprezentaw il-prezz tal-vettura indikata li giet mibjugha u kkonsenja minnu lill-konvenuti nhar l-14 ta' Jannar 2010, kif ukoll imghaxijiet u l-ispejjez legali u dawk gudizzjarji gja maghmula inter alia tal-Protest Gudizziarju Nru 28/2010, l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Nru 77 /2070, u il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 75/ 2010.

Illi wara incident awtomobilistiku illi sar ezatt wara l-allegat bejgh tal-vettura, ghal liema incident l-attur iddikjara li Duncan Delia huwa responsabbli, l-konvenuti baqghu qatt ma hallsu l-ammont dovut lill-attur ghalkemm weghdu li jhallsu s-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija u sebgha u tmenin Euro u sitta u erbghin centezmu (€46,587.47) ekwivalenti ghal ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) dak inhar tal-kunsinna stess ossija 14 ta' Jannar 2010.

Illi l-attur jikkontendi li l-bejgh tal-vettura kien perfett u gja' konkluz skond id-disposizzjonijiet tal-Art. 1346 et seq tal-Kodici Civili.

In segwitu tar-rikors ipprezentat fl-4 ta' Marzu 2010 (a folio 27 tal-process), l-attur talab il-Qorti tawtorizza z-zieda tas-segwenti talba :

> *"Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghal-hlas tad-danni sofferti mill-esponent attribwibbli lid-dewmien tal-hlas de parte tal-konvenuti jew min minnhom kif ukoll mill-hsara u d-deprezzament li garbet il-vettura "Ford Mustang Shelby", li ggib numru ta' registrazzjoni u "FGT 500"; tillikwida dawn id-danni okkorrendo permezz ta' Periti nominandi; u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu dawn id-danni hekk likwidati".*

Illi permezz tad-digriet 9 ta' Gunju 2011 il-Qorti kif diversament preseduta, cahdet ir-rikjesta ghaz-zieda tat-talba indikata u awtorizzat lill-intimati jipprezentaw nota t'eccezzjonijiet ulterjuri – Vide fol. 47.

Il-konvenuti, Duncan u Linzie Delia minn naha l-ohra jikkontendu sostanzjalment illi l-bejgh tal-vettura "Ford Mustang Shelby", li ggib numru ta' registrazzjoni "FGT 500" ('il-vettura') ma sehhx minhabba il-fatt illi Duncan Delia kien talab lir-rikorrent sabiex jipprova tali vettura u illi kien matul tali prova, illi sehh l-incident bl-imsemmija vettura.

Illi l-konvenuti konjugi Delia interponew eccezzjonijiet ulterjuri fis-sens illi l-vettura ma kenitx proprjeta' piena tar-rikorrenti, u ghaldqastant l-azzjoni hekk kif proposata kienet guridikament improponibbli u minghajr pregudizzju ghal tali eccezzjoni, jekk ir-rikorrenti kellu jirnexxi fl-azzjoni tieghu, il-konvenuti kellhom jahtu biss ghal-nofs il-prezz mitlub mir-rikorrenti.

Il-konvenut Charles Delia cahad li hu xtara u akkwista l-vettura in kwistjoni minhabba l-fatt li **ma kienx hemm qbil fuq il-prezz u l-oggett** soggett ghal-bejgh bejn il-partijiet interessati u l-**vettura kienet biss qed tigi ppruvata** meta sehh l-incident awtomobilistiku.

Illi huwa sostna li ma kienx involut fix-xiri tal-vettura izda kien qed jidher bhala spettatur u sabiex jghin lil ibnu Duncan Delia jittutela drittijiet tieghu.

Illi l-konvenuti Delia interponew eccezzjonijiet ulterjuri fis-sens illi l- vettura ma kenitx proprjeta' piena tar-rikorrenti, u ghaldqastant l-azzjoni hekk kif proposata kienet guridikament improponibbli u minghajr pregudizzju ghal tali eccezzjoni jekk ir-rikorrenti kellu jirnexxi fl-azzjoni tieghu, il-konvenut Charles Delia kellu jahti biss ghal-nofs il-prezz mitlub mir-rikorrenti.

**Trasferiment o meno tal-vettura**

Illi l-kwistjoni principali illi trid tigi investigata mill-Qorti huwa, hux minnu illi l-bejgh tal-vettura sehh ai termini tal-ligi hekk kif reklamat mir-rikorrenti.

Illi mhux ikkontestat bejn il-partijiet illi l-bejgh tal-vettura huwa rregolat ai termini ta' Artiklu 1347 ta' Kap 16 illi jghid:

> ***1347. Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet u, kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar- riskju u ghall-uzu tax-xerrej.***

Illi dak li qed jikkontendu l-intimati Delia mhijiex l-applikabbilita' o meno ta' artiklu 1347 ta' Kap 16 izda effettivament l-intimati qed jghidu li l-bejgh ma sarx minhabba l-fatt illi l-bejgh tal-vettura kien suggett ghal-kundizzioni illi din l- ewwel tigi ppruvata u fil-kaz jekk din tigi accetta, tinxtara mill-konvenuti.

Illi ghaldqastant dak jrid jigi analizzat huwa jekk kienx hemm fil-verita' kundizzjoni illi il-vettura l-ewwel tigi ippruvata, u dan minhabba il-fatt illi huwa pacifiku illi essenzjalment il-prezz u l- oggett ai termini ta' artiklu 1347 ta' Kap 16 kienu diga miftiehmin bejn il-partijiet u cioe’:

i. **oggett**: vettura “Ford Mustang Shelby", li ggib numru ta' registrazzioni “FGT 500";

ii. **prezz**: tmienja u sebghin elf u erbgha u tletin Euro (€78,034) ekwivalenti ghal tlieta u tletin elf u hames mitt lira maltija (Lm33,500)

Il-kontenzjoni da parti ta' Charles Delia tirrelata biss fuq l-allegat fatt illi l-bejgh kien soggett ghal-prova fit-triq tal-vettura.

Fil-kaz in dizamina, l-partijiet taw verzjonijiet opposti. Meta jigri hekk, l-gudikant ikun tenut jwettaq analizi u verifika tal-fatti skond il-provi prodotti sabiex jasal ghall-identifikazzjoni tal-verzjoni li tqarreb lejn is-sewwa.

F’dan il-kaz il-gudikant huwa ggwidat mill-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet "**Farrugia vs Farrugia**"  moghtija fil-24 ta' Novembru 1966 fejn kien inghad hekk :

***"Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal- probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili,huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli fill-Qorti f dak l-istat ta' perpelessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddecieci b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa'fuq ir-regola in dubio pro reo."***

Wara ezami akkurat tal-provi prodotti l-Qorti tqis illi x-xhieda ta' Christian Tanti hija l-iktar wahda illi titfa dawl fuq dak li effettivament gara dak in-nhar ta' l-allegat bejgh u l-incident sussegwenti.

Ix-xhieda infatti turi bic-car kif, fil-verita', l-bejgh tal-vettura kien effettivament konkjuz u illi d-dawra bil-vettura wara li sar tali ftehim, ma kienitx effettivament 'test drive' kif qieghed jigi allegat. Jghid Tanti wara illi jiddeskrivi t-trattiva dwar il-prezz:

***Wara li ftehmu, Charlie kien qal lil Paul sabiex idahhal il-karozza fil-garage ta' daru li kienet ftit metri 'l boghod minn fejn konna qed nitkellmu. Kien qalilna li issa jwassalna hu stess fejn ridna inmorru. Ghalhekk Charlie mill-ewwel beda jtftah il-bieb tal garage tad-dar, izda Duncan waqqfu u talab lil missieru biex imur dawra bil karozza. Charlie kien qallu le, u ried lil Paul idahhal il-karozza gol-garage mill-ewwel Lil ibnu kien qallu Ii kienu johorgu biha iktar tard bil kwiet.*** – Vide fol. 44

Il-kontenut tal-affidavit pienament gie ikkonfermat u kkorroborat in kontroezami minn Tanti Vide fol. 154 / 155.

Il-Qorti gharblet ukoll x-xhieda dettaljata ta’ Paul Camenzuli dwar x’gara in segwitu tal-kollizzjoni:

> ***'Minhabba din l-ispiza, Charles Delia dak il-hin talabni naqsamlu l-hlas tal-karozza. Kien qalli li dikinhar stess qabel is 7.00pm ihallasni sitta u erbghin elf hames mija u sebgha u trnenin Ewro (€46,587 ekwivalenti ghal Lm20,000) filwaqt li r-rimanenti parti tas-somma tithallas aktar 'il quddiem meta ngibu l-parts. Charles qalli hekk biex izomni marbut illi naqdieh malajr u ngiblu l-parts kemm iista'ikun malajr. .....***
>
> ***Nghid illi madankolli, fis 6.00pm cjoe' siegha qabel ma kelli nmur nigbor l-Lm 20,000, Charles Delia cempilli u qalli biex nitla' d-dar ghandhu ghax kellu bzonn ikellimni. Jien mort dak il-hin stess u x'hin wasalt, Charles beda jghidli 'qed nisthi minnek, qed nisthi minnek' u spjegali illi wara l-kollizjoni, l-mara ta' Duncan Delia, Linzie, ma rieditx tffirmalu ghall-flus biex ihallasni, ghax qalet li l'ssa kienet karozza milquta. Naturalment jien opponejt bil-qawwa, u ghalhekk Charles kien qalli li din inhar kien ha johrog jiehu pizza ma' ibnu u martu, u li kien ser jipprova jikkonvincihom ihallsu.'*** – fol 40

Il-Qorti ma taghrafx li hemm xi raguni impellanti ghaliex m’ghandhiex temmen lil Paul Camenzuli u lil Christian Tanti, meta hija rinfaccata bil-provi skarsi da parti tal-intimati u xhieda inkonsistenti ghall-ahhar.

In fatti meta wiehed jifli ix-xhieda ta' Duncan Delia wiehed jinnota inkonsistenzi grassi fix-xhieda tieghu , waqt illi xhieda ohra indipendenti addirittura jxejnu u jgibu fix-xejn dak minnu allegat.

In fatti Duncan Delia a fol. 18, l-ewwel jghid li kien inutli li jitkellem mal-attur dwar il-prezz meta ma kienx ghadu prova il-karozza; imbaghad rinfaccat bil-fatt illi tant kienu ftehmu fuq il-prezz li missieru sahhansitra kien fetah il-firrolli tal-garage tad-dar tieghu sabiex idahhal il-karozza fih, Duncan kien xhed li dan gara ghaliex ***"missieru ma kienx jaf x'ser naghmel jien hux."*** – Vide fol. 19; di piu mitlub jghid kif missieru kien ser idahhal karozza ta' haddiehor fil-garage tieghu, Duncan xhed li dan kien ghaliex kienet ser taghmel ix-xita u kienu ser idahhluha fil-garage biex ikomplu jitkellmu gewwa – Vide fol. 19. Il-Qorti taghmel accenn ukoll illi ghar-rigward it-temp ta "xita," dan gie michud addirittura minn Mario Abdilla mill-ufficcju Meterologiku ta' Malta. (Vide xhieda a fol. 168) Di piu' Duncan Delia sostna illi qatt ma kellu incident b'karozza fil-korsa ta' Hal Far meta dan il-fatt gie michud minn xhud independenti (Vide fol 166 xhieda ta' Joseph Farrugia Tezorier ta' Malta Drag Racing Association (MDRA)).

Il-Qorti taghmel accenn ukoll ghall-inkonsistenzi gravi fix-xhieda tal-konvenuti ghar-rigward il-materja tat-tiswija tal-karozza rilevanti. In segwitu tal-incident bil-vettura, Charles Delia kien tkellem dwar il-possibilita' illi jsir pagament ta' Lm20,000 ghal vettura u d-differenza tal-prezz tithallas meta jaslu il-parts ghat-tiswija. Dan il-fatt jikkonferma Duncan Delia stess fix-xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 163.

> ***"Kien sar xi diskors dwar it-tiswija u l-parts tal Mustang, bdew jitkellmu kif ha jgibu l-parts u kemm ha jdumu: id-diskors sar minn Pawlu, missieri u Charlie. Ma niftakarx minn kien ser ihallas tal-parts. Jien ma niftakarx assolutament l'ebda diskors f dan is-sens."***(a fol. 163)

Eppure Charles Delia sostna: *"**Nikkonferma li t-tahdit dwar il-parts kien kollu fidejn it-tifel**"* (Vide kontro-ezami Charles Delia a fol. 170 ).

Huwa inkontestat illi l-vettura baqghet fil-pussess tal-konvenut Duncan Delia (Vide xhieda tieghu a fol. 172). Il-fatt illi l-intimati qatt ma interpellaw lill-Paul Camenzuli sabiex jiehu lura l-karozza, certament mhuwiex agir ta' persuna jew persuni illi qeghdin jikkontendu li l-vettura fil-verita' ma nbieghetx.

Forsi l-apice t'inverosimilianza ntlahqet fl-allegazzjonijiet maghmula fuq it-*traction control button*, fejn l-intimati sostnew li r-rikorrent qal lil Charles Delia sabiex jitfi t-*traction control*. Il-Qorti issibha difficli li temmen li Charles Delia u Duncan Delia, *ex admissis* dilettanti ta' karozzi sportivi, ma jafux x'inhu *traction control*.

Illi fir-risposta guramentata tieghu l-intimat Charles Delia, oltre il-fatt illi ma sarx il-bejgh tal-vettura, jallega ukoll illi l-vettura ma kienx ser jixtriha hu izda huwa kien qieghed isegwi t-trattativi fil-vesti ta' spettatur.

Mill-assjem ta' provi migbura jidher bic-car illi Charles Delia kien fil-verita' qed jitratta il-bejgh tal-vettura ma' Camenzuli, izda il-vettura x'aktarx kienet ha tintuza jew tkun f'isem Duncan Delia.

Fix-xhieda mghotija in kontro ezami ta' Paul Camenzuli (fis-seduta tal-4/02/2011) jinghad:

> ***'Nghid illi n-negozjati saru minn missier Duncan Delia 'ghax iridha t-tifel'. Meta tkellem Duncan Delia innegozja f'isem it-tifel, ma kontx mija fil-mija cert min ezattament riedha l-karozza, dan il-ghaliex kien ha ikun hemm xi tpartit ta' karozzi bejn missier u iben, li ma kenitx tikkoncernani'-*** Vide fol. 152

Christian Tanti fl -affidavit tieghu jikkonferma:

> ***'Nghid illi konna inzilna go hanut il-Qrendi go hanut ta' tpingiia. Barra l'hanut kumbinazzjoni konna ltqajna ma' certu Charlie Delia. Dan mill'ewwel kien talab lil Paul sabiex ibieghlu din il-karozza. Kien qallu li kien gia ipprova jitriha qabel, madankollu ma rnexxilux.'***- Vide fol. 44

Min-naha tieghu Duncan Delia isostni illi ***"jien kont ha nhallas billi nissellef u dan il kliem qatt ma ghedtulu lil Pawlu"*** [Vide xhieda a fol. 163). Din ix-xhieda ma gietx kontradetta.

Min-naha l-ohra saret eccezzjoni ulterjuri mill-konvenuti kollha dwar jekk l-vettura kienitx proprjeta' intiera ta' Paul Camenzuli jew kienitx in komproprjeta' ma Charles Ciantar (Vide fol. 151). Camenzuli jikkonferma izda illi huwa kien xtara sehem Ciantar fejn jghid:

> ***"Sa dak inhar tad-daqqa konna shab flimkien, kellna negozju ghaddej. Konna ko-proprjetarji tal-Mustang. Mhux indqas kien is-sehem, bl-amment ma nafx. Wara l-habta hadtha kollha jien u xtrajt sehem Charles Ciantar. L-ghada jew xi jiem wara irrangajna jien u Ciantar. Ghadna negozju ta' dghajjes u irrangahna f'dak il-kuntest. Tghajtu sehem minn dghajsa u karozza bi tpartit"***- Vide fol. 156

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive***

> ***Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti ghajr ghal dak li ser jinghad dwar id-divizjoni tal-ammont pretiz mill-attur bejn l-intimati.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti, wara li gharblet bir-reqqa ix-xhieda kollha prodotta mill-kontendenti, jidrilha li il-bejgh tal-vettura kien twettaq ghal finijiet kollha tal-ligi. Il-Qorti taghraf illi l-konvenuti Delia ma ressqux prova sufficjenti biex jipprovaw fuq preponderanza tal-provi dak minnhom sostnut u cioe' li l-bejgh kien soggett ghal-*trial run* tal-karrozza indikata. Lanqas ma kien hemm korroborazzjoni independenti tal-verzjoni tal-konvenuti Delia. Di piu' il-kontradizzjonijiet fix- xhieda tal-konvenuti jxejjnu kull vesti ta' kredibilita' tal-verzjoni taghhom.

F'dan il-kuntest wiehed irid iqis ukoll illi qed nitkellmu fuq vettura li hi effivament 'supercar', mhux karozza ordinarja. Kull minn jipprova karozza bhala *test drive* dejjem isuq karozza b'mod kawt hafna. Il-Qorti tqis illi l-hsarat fuq il-karozza kienu kollha frott l-agir ta' persuna li effettivament hass illi hu kien qed jagixxi bhala sid il-vettura. Li kieku l-vettura ma kienitx tal-konvenuti, certi riskji ma kienux jittiehdu waqt *test-drive*, aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li l-incident gara fi triq fl-Imqabba. Il-Qorti taghraf illi *test drive* ta' din il-kwalita' kien jixraq li ssir go korsa. Essenzjalment il-karozza ma instaqitx minhabba il-fatt illi Duncan Delia xtaq jipprovaha izda minhabba il-fatt illi dan kien ecitat u xtaq *'jehodha dawra'*. Fi kliem Christian Tanti f'xhieda a fol. 154, ***'nahseb ried isuqha ghax kien ecitat'***. Jidher ukoll li prezenza ta' l-attur fil-karozza waqt il-habta kienet purament minhabba insitenza ta' Charles Delia (ara xhieda Christian Tanti a fol. 155).

In kwantu ghad-determinazzjoni ta' min huwa responsabbli ghal hlas tal-prezz tal-vettura, il-perit legal kien tal-fehma li ghalkemm Charles Delia kien qieghed jinnegozzja l-vettura u ghalkemm huwa effettivament ikkonkluda l-bejgh ta' l-istess oggett, huwa

kien essenzjalment qieghed jinnegozja f'isem Duncan Delia li b'mod car assuma r-responsabbilita' tal-hlas tal-vettura, u dan jidher fix xhieda tieghu kif ukoll ta' Paul Camenzuli.

**Ikkonsidrat:**

L-intimat eccepew permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri illi din l-azzjoni hija improponibbli peress illi r-rikorrent m'huwiex l-unika sid tal-vettura in kwistjoni u nonostante dan intavola l-azzjoni wahdu. Fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom jenfasizaw illi r-rikorrent m'huwiex is-sid tal-vettura in kwistjoni, u dan ikkonsidrat tax-xhieda moghtija in kontro-ezami minn Charles Ciantar.

Il-Qorti rat pero ix-xhieda moghtija sussegwentement in kontro-ezami mir-rikorrent, illi filwaqt li ammetta li huwa minnu li meta xehed Ciantar, huwa kien is-sid, flimkien mieghu, tal-vettura in kwistjoni peress illi kienu shab fin-negozju, hu u Ciantar itterminaw il-komproprjeta tan-negozju taghhom fil-mori tal-kawza. Huwa spjega kif saret il-qasma tal-assi tan-negozju taghhom, u kif huwa zamm in-negozju li kellhu x'jaqsam mal-vetturi, filwaqt li Ciantar ha dak li kemm x'jaqsam mad-dghajjes. Din ix-xhieda ma giet kontradetta minn hadd, u l-Qorti m'ghandiex raguni ghalfejn tiddubita ix-xhieda tar-rikorrenti, illi kif relatat mill-Perit Legali kien kredibbli u konsistenti fid-deposizzjoni tieghu.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimati m'hijiex gustifikata. Dan ghaliex, anke kieku kellu jigi accetat illi r-rikorrent ma setghax jipproponi din l-azzjoni wahdu fiz-zmien meta giet intavolata minhabba illi huma kien ko-proprjetarju tal-vettura in kwistjoni, b'applikazzjoni tal-principju tal-jus superveniens, kwalunkwe karenza f'dan is-sens giet issanata meta saret id-divizjoni tan-negozju mir-rikorrent u Ciantar.

Il-Qrati tagħna matul is-snin li għaddew kellhom okkażjoni jiddikjaraw illi t-teorija tal-jus superveniens giet dejjem applikata mill-Qrati tagħna għall-każijiet meta mingħajr ma tbiddel id-domanda sew għall-oggett jew għall-kawża, għalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument tac-citazzjoni iżda dak id-dritt minnu mitlub jigi jseħħ fil-mori tal-gudizzju, allura l-gurisprudenza in bażi tad-duttrina wisq akkreditata,

dejjem accettat li minflok issir kawża oħra, dak id-dritt li jkun mitlub fic- citazzjoni u li gie in eżistenza jew fl-eżercizzju tiegħu waqt il-kawża, jista' jkun deciż f'dik l-istess kawża.[1]

Il-Qorti tal-Appell kienet irrilevat illi:

> ***"Huwa veru li bħala norma d-dritt u l-interess tal-attur u l-kapacita' tiegħu li jagħmel il-kawża għandhom ikunu jeżistu filwaqt li huwa jistitwixxi l-proċediment; imma l-Qrati tagħna bl-iskop li jevitaw molteplicita' ta' kawżi u spejjeż inutili rrikonoxxew u applikaw id-duttrina tal-jus superveniens quod firmat actionem vel exceptionem, anke meta xi drabi d-dritt jissopravjeni jew ostakolu proċedurali jitneħħa, waqt li l-kawża tkun gia fil-grad ta' appell."***[2]

Fil-kawża riportata fil-Volum XXXIII-i- 254 intqal illi *"**jus superveniens firmat actionem et exceptionem u għalhekk jekk waqt il-kawża jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel kienet difettuża tigi msaħħa. Il-fondament ta' dan huwa preciżament l-ekonomija tal-gudizzju u tali spejjes."***[3]

Ghalhekk huwa car illi din l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimati ma tistax tigi milqugha, peress illi anke jekk hemm xi karenza meta giet prezentata l-kawza mir-rikorrenti, din il-karenza giet sanata, b'applikazzjoni tal-principju tal-jus superveniens, meta saret id-divizjoni tan-negozju mir-rikorrent u Ciantar.

L-eccezzjoni ulterjuri tal-intimati qieghda ghalhekk tigi michuda.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati Duncan u Linzie Delia argumentaw illi f'dan il-kaz, trattandosi ta' kompravendita ta' vettura, skrittura ta' bejgh

---

[1]**Carmelo Farrugia vs Michael Camenzuli et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni numru 570/2009) deciza fit-28 ta' Frar 2011.
[2]**George Zahra vs Carmelo Chircop**, Qorti tal-Appell Civili deciza fit-8 ta' Frar 1960.
[3]Citata fis-sentenza **Carmelo Farrugia vs Michael Camenzuli et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni numru 570/2009) deciza fit-28 ta' Frar 2011.

kienet neccesita assoluta, u l-inosservanza ta' dina l-formola preskritta iggib maghha nullita tal-bejgh. Dan l-argument sar biss fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-17 ta' April 2015, mhux rifless fl-eccezzjonijiet mressqa mill-intimati.

Il-Qorti tqis illi m'ghandhiex tiehu konjizzjoni ta' dan l-argument ghaliex huwa effettivament eccezzjoni mohbija f'nota ta' sottomissjonijiet. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Mifsud vs Josephine Camilleri**:

> ***"[g]halkemm din il-Qorti, fejn setghet, dejjem irrifuggiet mill-formalizmu esagerat, min-naha l-ohra lanqas ma nkorragiet permessivizmu ingustifikat u anzi, ma tarax li huwa sewwa illi wara li jkunu inghalqu l-provi u l-iskritturi, parti f'kawza tippretendi bi dritt li tista' tqanqal kull difiza immaginabbli fil-kors tad-dibattitu oral jew bil-miktub biex tipparalizza l-pretensjonijiet tal-attur."***[4]

Il-gurisprudenza pacifika ta' dawn il-Qrati tirritjeni illi ***"eccezzjonijiet formali m'ghandhomx jinghataw f'nota ta' osservazzjonijiet imma bil-mod formali procedurali."***[5] Ghalhekk ***"meta eccezzjoni ma tigix moghtija formalment qisha m'hijiex quddiem il-Qorti u l-Qorti mhix tenuta tiddecidiha.***"[6]

In vista ta' dan, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-'argument' tal-intimati Duncan u Linzie Delia rigward in-neccessita ta' skrittura ghal bejgh tal-vettura de quo, galadarba din in linja ta' difiza ma gietx moghtija formalment.

**Ikkonsidrat:**

Wara li fliet bir-reqqa l-atti procedurali, l-Qorti tqabel mal-Perit Legali illi l-verzjoni tar-rikorrenti kienet dik l-aktar kredibbli u verosimili fic-cirkostanzi. Mhux biss, kienet sorretta mid-deposizzjoni ta' xhieda ohra, inkluz ix-xhud okulari Christian Tanti li

---

[4] **Joseph Mifsud vs Josephine Camilleri**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-15 ta' Lulju 2009.
[5] **Emanuele Busuttil vs Francesco Mercieca**, Qorti tal-Appell Civili, deciza fil-15 ta' April 1950 u citata b'approvazzjoni fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Mifsud vs Paul Cutajar**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fit-13 ta' Gunju 2008.
[6] **Maria Debono vs Dolores Portelli**, Qorti tal-Appell Civili deciza fit-22 ta' Ottubru 1954; **Tommaso Sammut vs Carmela Farrugia et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fis-19 ta' Ottubru 1954.

kkorobora l-verzjoni moghtija mir-rikorrent. Senjatament ukoll l-intimati zammew il-vettura in kwistjoni fil-pussess taghhom u ma jirrizultax illi qatt ghamlu xi tentattiv sabiex jirritornawha lura lir-rikorrent, lanqas fil-mori tal-kawza.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi m'hemm l-ebda raguni impellenti, kif qed jargumentaw l-intimati sabiex il-Qorti tiddiparitxxi mill-konkluzjonijiet tal-Perit Legali.

Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimati kollha skond ir-risposta ulterjuri datata 15 ta' Gunju 2011 fis-sens li ***".. anke jekk ghall-grazzja tal-argument ir-rikorrent jirnexxi fl-azzjoni tieghu, hu ghandu jedd biss ghall-nofs il-prezz mitlub minnu;"*** din il-Qorti taghraf illi din l-eccezzjoni timmerita li tigi akkordata u jkun gust u ghaqli li jsir hekk sabiex il-gustizzja ssir anki bejn l-intimati.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimati kollha ghajr t-tieni eccezzjoni ulterjuri kontenuti fir-risposti ulterjuri datati 15 ta' Gunju 2011; Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati kollha; Tilqa t-talbiet tar-rikorrenti limitatament billi: Tiddikjara illi l-intimat Charles Delia huwa debitur tar-rikorrent fis-somma ta' disgha u tletin elf, u sbatax-il Ewro (€39,017); Tiddikjara illi l-intimati Duncan u Linzie Delia huma debituri tar-rikorrent fis-somma ta' disgha u tletin elf, u sbatax-il Ewro (€39,017); Tikkundanna lil Charles Delia jhallas lir-rikorrenti nofs is-somma reklamata u cioe' disgha u tletin elf, u sbatax-il Ewro (€39,017) bl-interessi mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat sad-data tal-hlas effettiv; u Tikkundanna lil Duncan u Linzie Delia jhallsu lir-rikorrenti nofs is-somma reklamata u cioe' disgha u tletin elf, u sbatax-il Ewro (€39,017) bl-interessi mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimati Delia.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**